# ID-DAWL

MARZU 2023
WWW.AHMADIYYA.MT
NUMRU 63

**"Alla jħobb lil dawk li jpoġġu l-fiduċja tagħhom fiH."**




Paċi fi Djarna | Il-premju tat-Tjubija | Tidwil il-Qalb | L-Għan tar-Reliġjon

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# PAĊI FI DJARNA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Kull bniedem għaqli jixtieq li jkollu paċi, armonija, imħabba u serenità f'daru. Imma kif nistgħu niksbu l-paċi dejjiema, u kif nistgħu ngħożżu atmosfera trankwilla bħal din fi djarna? Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana spjega dan fil-qosor u qal: **"Jekk intom tixtiequ li tibqgħu protetti u jkollkom il-paċi fi djarkom, huwa d-dmir tagħkom li titolbu ħafna u timlew djarkom bis-supplikazzjonijiet u bit-talb. Alla Omnipotenti ma jeqridx dar fejn it-talb huwa offrut kontinwament u regolarment."** (*Malfużat* [1984], Vol. 5, p. 319)

Huwa l-fatt u l-Koran Imqaddes jagħmilha ċara li, **"Alla jħobb lil dawk li jduru lejH"** (2:223) u li, **"Żgur, Alla jħobb lil dawk li jpoġġu l-fiduċja tagħhom fiH"** (3:160).

Għalhekk, huwa importanti ħafna li dejjem inżommu lilna nfusna impenjati fit-talb, u nimlew kull kamra u kull rokna ta' djarna bit-talb u bis-supplikazzjonijiet. Nimlew qlubna u djarna b'Isem il-Mulej tagħna sabiex kull ħaġa ssir imbierka; u sabiex kull rokna ta' djarna u ġisimna ssir manifestazzjoni vera tal-imħabba ta' Alla. Jiena nemmen b'qalbi kollha li l-paċi ma tinstabx fis-setgħa jew l-għana, iżda pjuttost il-paċi tinsab fil-benniena u fit-tifkira ta' Alla Omnipotenti.

**ID-DAWL**

MARZU 2023 – Numru 63
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Peace in our homes | 02 |
| The reward of goodness | 03 |
| Enlightening the heart | 04 |
| The purpose of religion | 06 |
| Love of God & forgiveness | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Sarath maroli | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-PREMJU TAT-TJUBIJA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

Għandna nqimu biss lil Alla Omnipotenti, li jippremja saħansitra nitfa xogħol.

Jingħad li darba waħda tlett irġiel inqabdu f'muntanja. Kienu stkennew f'għar meta blata waqgħet quddiem l-għar u għalqet id-daħla.

Minħabba f'hekk, huma qalu, 'Issa l-għemejjel tajbin tagħna biss jistgħu jsalvawna.'

Wieħed minnhom qal, 'Darba kelli bżonn ftit ħaddiema. Wieħed minnhom telaq qabel ma lħaqt ħallastu. Fittixtu, iżda ma stajtx insibu. Mis-salarju tiegħu xtrajt mogħża li fi ftit snin laħqet tkattret f'merħla. Darba waħda dik il-persuna tfaċċat u qaltli li kienet ħadmitli u li fil-ġenerożità tiegħi kelli nħallasha ta' xogħolha. Jiena ddeċidejt li nagħtiha l-merħla kollha. O Alla! Jekk għoġbok l-att ħanin tiegħi, mela għinni f'din id-diffikultà li għandi bħalissa.' Il-blata ċċaqalqet ħarira.

It-tieni persuna mbagħad irrakkontat l-istorja tagħha u qalet, 'O Alla! Naqqas id-diffikultà tiegħi jekk għoġbok l-att ġeneruż tiegħi.' Il-blata tħarrket naqra oħra.

It-tielet persuna ddeskriviet l-istorja tagħha, 'Ommi kienet xiħa. Lejl wieħed talbet għal tazza ilma. Sakemm ġibt l-ilma, hija kienet diġà raqdet. Jiena ma qajjimthiex għax ħsibt li se niskomodaha. Qgħadt il-lejl kollu bit-tazza tal-ilma. Tajtha l-ilma meta stenbħet filgħodu. O Alla! Neħħili d-diffikultà tiegħi jekk għoġbok l-att ħanin tiegħi.'

Il-blata mbagħad tħarrket biżżejjed biex setgħu jsalvaw. Alla Omnipotenti ppremjahom kollha tal-għemejjel tajba tagħhom. (*Malfużat*, V. 6, p. 26–27, l-Urdu, edizzjoni 1984)

# IX-XAHAR TA' TIDWIL IL-QALB

Kull sena l-Musulmani jsumu għal xahar sħiħ tul ix-xahar tar-Ramadan. Billi x-xahar tar-Ramadan huwa xahar lunari, iż-żmien tiegħu jinbidel kull sena. Ir-Ramadan jasal 11-il jum qabel dak tas-sena ta' qabel. Din is-sena r-Ramadan se jibda fit-22 ta' Marzu f'xi pajjiżi u fit-23 ta' Marzu f'xi pajjiżi oħra.

Is-sawm Iżlamiku għandu sinifikat speċjali ħafna għax huwa wieħed mill-ħames kolonni tar-reliġjon. Ir-Ramadan joħloq ambjent uniku fejn aħna nkunu nistgħu niffokaw fuq l-ispiritwalità, il-morali u t-talb tagħna ħafna aktar minn xhur oħra.

**Ir-Ramadan huwa xahar ideali għat-tidwil tal-qalb. It-talb isaffi r-ruħ u s-sawm idawwal il-qalb. Ir-Ramadan huwa żmien ta' purifikazzjoni tal-ġisem, tal-moħħ u tar-ruħ uman. Jipprovdi opportunità lin-nies biex jerġgħu jirrelataw ma' Alla u biex din ir-relazzjoni tissaħħaħ u ttul. Huwa xahar li fih issir komunjoni m'Alla u aktar ġenerożità mal-proxxmu.**

# TRASFORMAZZJONI MORALI

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għallem li t-tiċħid tal-ikel u x-xorb ma kienx l-għan waħdieni tar- Ramadan – kienet tinħtieġ rivoluzzjoni morali. Huwa istruwixxa:

**"Kull min ma jwaqqafx il-kliem falz u l-għemejjel ħżiena, Alla ma għandux bżonn it-tiċħid tal-ikel u x-xorb tiegħu (i.e. Alla ma jaċċettax is-sawm tiegħu)."**

Waqt li kien qed jitkellem dwar il-waqfien mill-ġlied u t-tilwim waqt is-sawm, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

**"Meta xi ħadd minnkom iqum filgħodu fl-istat tas-sawm, m'għandux juża kliem oxxen, jew iwettaq xi att ta' injoranza. U jekk xi ħadd iċanfarkom jew jiġġieled magħkom, għandkom twieġbu, 'Qed insum, qed insum.'"**


Mrs_ya | Shutterstock

**"Intom li temmnu, is-sawm huwa obbligatorju għalikom, bħalma kien għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti."**

(Il-Koran, 2:184)

# IS-SAWM GĦALL-ĠIEĦ TA' ALLA

F'rakkont ieħor, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: "Alla Gglorifikat u Maestuż qal: 'Kull azzjoni ta' iben Adam tkun għalih, ħlief is-sawm. Dan [esklussivament] huwa mmirat lejja u Jien [biss] nippremjah. Is-sawm huwa tarka. Meta xi ħadd minnkom ikun qed isum f'jum partikolari, dawn ma jistgħux jużaw lingwaġġ oxxen jew jgħollu leħinhom; jew jekk xi ħadd joffendih jew jipprova jiġġieled miegħu, għandu jwieġeb: 'Qed insum'. Għalih, li f'idU tinsab il-ħajja ta' Muħammad, in-nifs ta' dak li josserva s-sawm huwa oħla għal Alla f'Jum il-Ġudizzju mill-fwieħa tal-misk. Dak li jsum għandu żewġ [okkażjonijiet] ta' ferħ: waħda hi meta jieqaf mis-sawm u hu kuntent li waqaf mis-sawm, u l-oħra meta jiltaqa' mal-Mulej tiegħu u jkun kuntent bis-sawma tiegħu.'"

# X'INHU L-GĦAN TAR-RELIĠJON?

Ir-reliġjon tinsab taħt attakk kontinwu. Skont uħud hija taħti għaż-żieda rampanti fil-vjolenza, fil-gwerer, fit-tixrid tad-demm, u d-diżordni fil-pajjiż. Oħrajn iqisu r-reliġjon bħala irrazzjonali, illoġika u mingħajr l-ebda skop. Il-Fundatur tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], tħaddet qatigħ dwar dan is-suġġett u fisser l-għan veru tar-reliġjon. Xi siltiet mill-kitbiet tiegħu qegħdin jiġu ppreżentati hawnhekk.

**X'inhu l-għan tar-reliġjon?** Mhuwiex ħlief li l-bniedem għandu jkollu fidi sħiħa fl-eżistenza ta' Alla u fl-attributi perfetti Tiegħu, u mbagħad jeħles lilu nnifsu mill-passjonijiet karnali tiegħu u jiżviluppa mħabba personali lejH. Dan, fil-fatt, jikkostitwixxi l-Ġenna, li mbagħad ikollha diversi manifestazzjonijiet fil-Ħajja ta' wara din. Li tibqa' ma tagħtix kas ta' Alla Veru, u li żżomm ruħek 'il bogħod minnU, u li ma tħobbux b'mod sinċier, huwa l-Infern li jinkixef f'diversi għamliet fil-Ħajja ta' wara din. L-għan tar-reliġjon huwa li tikseb fidi sħiħa fl-eżistenza ta' Alla u li tħobbU b'mod assolut. (*Ruhani Khazain*, Vol.20, p.352)

# KIF TISTA' TINKISEB ĊERTEZZA DWAR ALLA?

Għandu jkun evidenti li l-għan ewlieni li wieħed iħaddan il-fidi huwa li wieħed jikseb ċertu ċertezza dwar Alla, li Huwa n-nixxiegħa tas-salvazzjoni, bħalkieku wieħed jista' jaraH b'għajnejh stess.

**L-ispirtu malinn tad-dnub ifittex li jeqred il-bniedem u persuna ma tistax taħrab mill-velenu fatali tad-dnub sakemm ma temminx b'rieda sħiħa f'Alla Ħaj u Perfett u sakemm ma tkunx taf fiċ-ċert li Alla jeżisti, li jikkastiga lit-trasgressur u jimla lid-devoti b'kuntentizza dejjiema.**


Aisylu Ahmadieva| Shutterstock

Hija esperjenza komuni li meta wieħed jemmen fl-effetti fatali ta' xi ħaġa mela wieħed ma jfittixhiex. Pereżempju, ħadd ma jibla' l-velenu minn jeddu. Ħadd ma joqgħod apposta quddiem tigra salvaġġa. Ħadd ma jqiegħed idu konxjament f'ħalq serp. Mela allura għalfejn persuna twettaq il-ħażin minn jeddha? Ir-raġuni hija għaliex m'għandhiex ċertezza f'din il-ħaġa bħalma għandha f'affarijiet oħra bħal dawk li semmejna.

Għalhekk, l-ewwel obbligu ta' persuna huwa li tinkiseb ċertezza dwar l-eżistenza ta' Alla, u li tingħażel reliġjon minn fejn din iċ-ċertezza tista' tinkiseb ħalli l-persuna tibża' minn Alla u twarrab id-dnub.

Kif tista' tinkiseb tali ċertezza? Ma tistax tinkiseb biss mill-istejjer u l-leġġendi. Ma tistax tinkiseb biss mill-argumenti. L-uniku mod ta' kif wieħed jikseb din iċ-ċertezza hija billi wieħed jesperjenza 'l Alla regolarment bis-saħħa ta' konverżazzjoni miegħU jew bix-xhieda tas-sinjali straordinarji Tiegħu, jew billi wieħed jagħmilha ma' xi ħadd li għandu dik l-esperjenza. (*Ruhani Khazain*, Vol. 19, pp. 447-448)

## L-IMĦABBA LEJN ALLA U L-MAĦFRA

Abu Ħurajra (l-għaxqa ta' Alla fuqu) jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: "Darba waħda kien hemm raġel li kien dineb ħafna kontra tiegħu nnifsu. Meta kien wasal biex imut, qal lil uliedu: 'Meta mmut, aħarquni u isħquni sa ma ġismi jsir trab. Imbagħad xerrduni fir-riħ, fil-baħar. Naħlef fuq Alla li jekk Alla jaqbadni, żgur jagħtini kastig li ma ta lil ħadd ieħor qabel.' Imbagħad il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li wlied dak ir-raġel għamlu kif qalilhom, iżda Alla ordna lill-art: 'Rodd lura *(il-fdalijiet kollha ta' ġisem dak ir-raġel)* li ħadt!' B'hekk dak ir-raġel inġieb quddiem Alla. Alla staqsieh: 'X'ġiegħlek tagħmel hekk?' Wieġbu: 'Il-biża' kbir minnek ġagħalni nagħmel hekk, ja Mulej.' Għalhekk Alla ħafirlu." (Bukħari)

## DEJJEM ŻOMMU L-VERITÀ

Oqogħdu għall-verità u żommu sod magħha. Hu (Alla) jara dak li hemm f'qalbkom. Jista' l-bniedem qatt jidħaq biH? Jistà l-ingann iservi għal xi ħaġa kontriH?" (Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as])

## IMPORTANZA TAT-TALB

"It-talb huwa l-eliżir li jibdel koċċ trab f'deheb pur. Huwa l-ilma li jnaddaf l-impuritajiet ġewwiena. B'dan it-talb l-ispirtu jdub u jiġri bħall-ilma biex jintefa' mimdud fuq l-għatba ta' Dak li hu Qaddis. Jieqaf quddiem il-preżenza ta' Alla, ibaxxi rasu u jimtedd Quddiemu." (Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**